# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**Anthony Pace**
**Edward Pace**
**Anton Pace**

Kump. Numru: 1094/2010

Illum 8 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anthony Pace, iben George u Josephine nee' Busuttil imwieled Hal Qormi fis-17 ta' Awwissu 1950, residenti gewwa Nru 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi detentur tal-karta tal-identita' numru 718550(M), Edward Pace, , iben George u Josephine nee' Busuttil imwieled Hal Qormi fis-27 ta' Frar 1948, residenti gewwa Nru 2A, Triq Zekka, Valletta detentur tal-karta tal-identita' numru 313648M u Anton Pace, iben Marco u Marisa nee' Agius imwieled Pieta' fit-8 ta' Marzu 1989 u residenti gewwa Nru 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi:

Akkuzati talli nhar il-25 ta' Awwissu 2010 u fix-xhur ta' qabel gewwa Hal Farrug, Limiti ta' Hal Luqa nqastu meta gieghltu annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, billi majjali, klieb, tigieg, hamiem u moghoz thallew jghixu f'livell baxx t'igiene u bla friex fejn jistriehu;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi nqastu meta zammejtu l-annimali jew qbiltu li zzommu annimali ghandkom u ma kontux responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom meta annimali nzammu minnkom f'postijiet mhux addattati ghalihom u xi whud minnhom ma kellhomx provdut ilma biex jixorbu;

Lil Anthony Pace wahdu talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr permess u/jew licenzja t'awtorita' kompetenti zammejt parti mill-imsemmi lok bhala 'scrapyard',

U aktar talli fl-istess 'scrapyard' ghamilt xi haga minghajr permess u/jew licenzja t'awtorita' kompetenti meta da nil-permess u/jew licenzja hi mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin minn awtorita' kompetenti bis-sahha ta' din il-ligi,

U aktar talli rrendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil Anton Pace wahdu talli rrendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ksirt il-provvediment tal-'conditional discharge' (sec 22 Chpt. 446), fejn kont gejt misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta' Marzu, 2009.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat

L-Ispettur Sandra Zammit[1] xehdet li fil-25 ta' Awwissu 2010 il-pulizija tal-ghassa Hal Qormi gew infurmati mill-control room li gewwa ghalqa fil-limiti ta' Hal Farrug kien hemm persuni tal-animal welfare fejn kienu qed jaghmlu spezzjoni gewwa ghalqa minhabba xi maltrattament ta' xi annimali fejn talbu l-assistenza tal-pulizija. Meta l-pulizija accedew fuq il-post kien hemm diversi membri tal-animal welfare kif ukoll membri tal-pulizija mis-sezzjoni tal-SAG. Meta accediet hija fuq il-post kien hemm Anthony Pace u Anton Pace. Kien hemm diversi annimali li tnehhew mill-ufficjali tal-animal welfare fosthom klieb, hniezer u moghoz. Aktar tard il-pulizija rceviet kwerela[2] minghand l-ufficcju tal-animal welfare sabiex jittiehdu proceduri fil-konfront tat-tlett imputati.

PS 539 Fabian Caruana[3] xehed li l-pulizija giet mghajjta biex ikunu ta' assistenza lill-ufficjali tal-animal welfare Hal Farrug, limiti ta' Hal Qormi, gewwa ghalqa ghaliex kien hemm ix-xatba maghluqa. Meta mar fuq il-post sabu lill-membri tal-SAG u membri tad-distrett ta' Hal Luqa. Kif waslu fuq il-post ikkonfermaw li l-ghalqa kienet ta' Anthony Pace fejn sar kuntatt mieghu permezz tal-mowbajl u fethu x-xatba u saret spezzjoni mill-ufficjali tal-animal welfare u l-membri tal-SAG fejn allegatament instabu diversi annimali li ma kienux qeghdin mizmuma sew u ttiehdu minn fuq is-sit mill-ufficjali tal-animal welfare. In kontro-ezami huwa xehed li huwa ma dahalx fl-ghalqa.

Emanuel Buhagiar[4], ufficjal ghal-harsien tal-annimali, xehed li fil-gurnata indikata kellhom rapport u marru fuq il-post inkwistjoni li kienet ghalqa qisha scrapyard kbira fil-limiti ta' Hal Farrug. Fil-proprjeta' kien hemm it-tlett imputati. Fil-post sabu diversi annimali fosthom hdax-il moghza, erba' hniezer u hamest iklieb u kwantita' ta' tigieg u hamiem. Huma sabu li kien hemm negligenza fuq l-annimali billi kien hemm hafna hmieg u anke l-klieb ma kienux mizmumin sew billi kellhom xi qurdien u hmieg fuqhom. L-igjene kienet baxxa hafna u l-hniezer kienu maghluqin taht. Huwa pprezenta r-rapport[5] kif ukoll diversi ritratti[6]. Kien issejjah ukoll il-veterinarju. Lill-klieb haduhom biex ituhom il-kura u regghu tawhomlhom lura. L-annimali l-ohra haduhom il-veterinarji. Huwa ma jafx ta' min kienu l-annimali ghalkemm Anthony Pace qalilhom li kienu tieghu.

---

[1] Seduta tas-6 ta' Dicembru 2010
[2] Dok SZ2 a fol 31 tal-process
[3] Seduta tas-6 ta' Dicembru 2010
[4] Seduta tat-28 ta' Frar 2011
[5] Dok EB a fol 40 tal-process
[6] a fol 45 et sequitir

Godrick Marsden[7], animal welfare officer, kien wiehed mill-ufficjali li mar iwettaq spezzjoni fuq il-post inkwistjoni. Fil-proprjeta' iltaqghu mal-imputati li dawruhom mal-post biex jaraw l-annimali fosthom kien hemm hdax-il moghza, erba' hniezer u hamest iklieb u kwantita' kbira ta' tigieg. Jixhed li l-hniezer kienu mizmumin mhux f'post addattat ghaliex kienu jinsabu fil-hmieg u la kellhom ikel u lanqas ilma u ghalhekk sejhu wkoll lill-veterinarju tal-Gvern biex jiccertifika dan kollu. Il-moghoz u l-hniezer ma kellhomx tags u lanqas kienu registrati. Dwar il-klieb dawn kienu mimlijin brieghed, kellhom mard tal-gilda u mimlija hmieg. Il-klieb haduhom huma u l-annimali l-ohra haduhom il-veterinarji. Meta staqsew ta' min kienu l-annimali Anthony Pace qal li kienu tieghu.

Dr Duncan Chetcuti Ganado[8] xehed li kienu rcevew telefonata mid-dipartiment tal-animal welfare fil-25 ta' Awwissu 2010. Huwa kien mar fuq il-post u sab lill-imputati u l-ufficjali l-ohra u nstab li kien hemm problema ta' registrazzjoni w identifikazzjoni ta' annimali. Kien hemm moghoz li suppost kienu registrati mad-dipartiment sia bhala post u sia bhala annimali u fil-fatt la l-post ma huwa registrat u lanqas l-annimali ma kienu registrati. Kien hemm erba' hniezer adulti ta' razza mhallta u l-post ma kienx licenzjat li jinzammu l-hniezer u hadd mill-imputati m'ghandu licenzja biex izomm l-annimali. Dawn l-annimali ittiehdu u nqatlu l-biccerija. Huwa kellem lil Anthony Pace li kien tah l-impressjoni li huwa kien responsabbli tal-post pero' qallu li l-annimali kienu tat-tifel izda ghax-xhud it-tlieta kienu responsabbli tal-post. In kontro-ezami xehed li l-hitan u l-art tal-post ma kienux adekwati, il-friex mhux tajjeb, il-post mhux nadif u r-records ma kienux qed jinzammu. Is-saqaf kien baxx hafna, ma kienx hemm ventilazzjoni tajba u ghalhekk kien hemm hafna gassijiet li jipperikolaw is-sahha tal-annimal ghaliex ma kienx hemm bizzejjed ossignu u dan ikun ta' stress eccessiv ghall-annimali. Kien hemm hafna hmieg.

PS1467 Paul Bonello[9] xehed li ssejhu biex jassistu lill-ufficjali tal-animal welfare fil-vicinanzi ta' Hal Farrug. Huwa kien flimkien mal-ispettur. Xehed li meta dahlu kien hemm xi hdax-il moghza, erba'hniezer kbar, klieb, kuccarda u kwantita' kbira ta' tigieg u hamiem li ma kienux fi stat tajjeb ta' trobbija. Fuq il-post kien hemm

---

[7] Seduta tat-28 ta' Frar 2011
[8] Seduta tat-28 ta' Frar 2011
[9] Seduta tal-4 ta' April 2011

ukoll Dr Duncan Chetcuti Ganado, veterinarju, u assistew sakemm hareg l-annimali li kien hemm fir-razzett.

PC1010 Manwel Vassallo[10], li dakinhar kien stazzjonat ta' Kandja, jixhed li gew mghajta biex jassistu lill-ufficjali tal-animal welfare biex imorru go razzett vicin. Fethulhom Anthony u huh Edward Pace, wara xi hin jistennew, u saru t-tfittxjiet. Kif dahlu fuq il-post sabu karozzi antiki, imkissrin fuq xulxin. Bdew jidhlu u go qishom gherien sabu xi hniezer, moghoz, hamiem, tjur u klieb kif ukoll kuccarda u gie l-veterinarju u ghabba l-annimali fuq trakk. Huma staqsew ta' min kienu l-annimali u Anthony Pace qal li kienu tieghu. Skontu kulhadd, ossija t-tlett imputati, kellhom xi haga. In kontro-ezami huwa qal li meta wasal kien hemm Anthony Pace u Edward Pace li kienu qed jaghlfu l-annimali u xi siegha wara wasal ukoll Anthony Pace l-iehor. Huwa ma nvestigax lil min kienu jappartjenu lill-annimali.

Ivor Robinich  xehed[11] in rapprezentanza tal-MEPA u kkonferma li mir-ricerki li wettaq m'hemmx permessi fil-lok indikat mill-ispettur ghal scrapyard. In kontro-ezami qal li dak li jiddetermina huwa l-uzu li jkun qieghed isir mill-art.

PC 1001 Mark Vella xehed[12] li dakinhar tal-incident l-Ispettur Haber qallu li kien jehtieg l-assistenza lil tal-animal welfare. Marru gewwa razzett Hal Farrug. Kif waslu kien hemm tal-animal welfare u damu jhabbtu u mar jiftah Anthony. Fuq ordni moghti huwa baqa' niezel isfel gol-wied u huwa u niezel ra hafna karozzi mfarrkin, jigifieri bhala scrapyard. Imbaghad ra xi moghoz u majjali izda ma kienx jaf ta' min kienu l-annimali.  Fuq il-post kien hemm Anthony Pace u Anton Pace. Din ix-xhieda hija korroborata mix-xhieda ta' PC 1006 Carmelo Pace[13].

Keith Caruana mit-Trade Licencing Unit xehed[14] li Anthony Pace m'ghandu l-ebda licenzja ghal scrapyard f'Hal Farrug limiti ta' Hal Luqa.

---

[10] Seduta tat-23 ta' Mejju 2011
[11] Seduta tat-23 ta' Mejju 2011
[12] Seduta tat-23 ta' Mejju 2011
[13] Seduta tat-23 ta' Mejju 2011.
[14] Seduta tas-6 ta' Novembru 2012

Frank Mizzi mid-dipartiment tal-artijiet xehed[15] li mis-sistema taghhom fuq l-ismijiet tal-imputati ma tela' xejn u biex tivverifika jekk art hijiex ta' individwu trid issir verifika mal-Land Registry.

L-imputat Anton Pace xehed[16] li cemplitlu nanntu u qaltlu biex imur jara xi gralu nannuh Anthony Pace. Biex dahal fl-ghalqa l-pulizija talbuh l-karta tal-identita'. Huwa ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-ghalqa jew l-annimali.

Anthony Pace jixhed[17] li dakinhar huwa kien ghadu jasal fuq il-post. Dak iz-zmien kien ghadu kemm ghamel zewg operazzjonijiet f'saqajh. Jispjega li kellu erbat ihniezer izda l-moghoz ma kienux tieghu ghax kien sabhom gurnata qabel gol-gnien. Kellu wkoll zewgt iklieb li haduhom ukoll li kienu boxer u fox terrier.. Il-klieb l-ohra li sabu ma kienux tieghu. Huwa qal li kien ilu ma jinzel inaddfilhom billi dam madwar tlett gimghat l-isptar u martu kienet tinzel titmaghhom. In kontro-ezami kkonferma li l-ghalqa hija tieghu u anki l-annimali.

Edward Pace jixhed[18] li dakinhar huwa mar jara lil huh fl-ghalqa ghax kien ma jiflahx billi kien l-isptar. Imbaghad waslu tal-animal welfare u hadulu d-dettalji. Huwa qal li m'ghandu l-ebda sehem mill-ghalqa inkwistjoni. Din hija ta' huh.

Illi abbazi tal-provi prodotti jirrizulta mill-ewwel li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Anton Pace u Edward Pace ma jissussitux ghaliex ma gie ppruvat ebda ness bejnhom u l-ghalqa u l-annimali li nstabu fiha.

Illi inkwantu ghal Anthony Pace jirrizulta mix-xhieda fl-ewwel lok li ta huwa stess li l-ghalqa u l-annimali inkwistjoni huma tieghu hlief li xehed li l-moghoz ma kienux tieghu u lanqas il-klieb kollha li nstabu jsostni li ma kienux tieghu. Inoltre' jirrizulta mix-xhieda appena riportata li l-annimali li nstabu fuq il-post mill-animal welfare officers u mill-pulizija ma kienux qeghdin jinzammu skont ir-regolamenti. Bizzejjed issir referenza ghax-xhieda tal-veterinarju Dr Duncan Chetcuti Ganado li inkwantu ghall-hniezer li nstabu - il-hitan u l-art tal-post ma kienux adekwati, il-friex mhux tajjeb, il-post mhux nadif u

[15] Seduta tas-17 ta' Jannar 2013
[16] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2015
[17] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2015
[18]Seduta tas-7 ta' Ottubru 2015

r-records ma kienux qed jinzammu. Is-saqaf kien baxx hafna, ma kienx hemm ventilazzjoni tajba u ghalhekk kien hemm hafna gassijiet li jipperikolaw is-sahha tal-annimal ghaliex ma kienx hemm bizzejjed ossignu u dan ikun ta′ stress eccessiv ghall-annimali. Kien hemm hafna hmieg. Inoltre′ mir-rapport ezebit Dok EB[19] hekk kif ikkonfermat mix-xhieda tal-ufficjali firmatarji tieghu jirrizulta li l-moghoz ma kienux registrati mad-direttur tal-veterinarju u kien hemm livell baxx ta′ igiene fiz-zamma taghhom. Il-foxterrier u l-kelb l-iehor kellhom hafna qurdien u mard tal-gilda li gew ikkurati mill-veterinarju. Din il-Qorti ma tqisx kredibbli li l-moghoz instabu minn Anthony Pace gurnata qabel u dan meta hu stess qal li ma kienx qieghed imur l-ghalqa minhabba li kien l-isptar.

Fin-nota ta′ sottomissjonijiet tal-imputati inghad li ghalkemm l-annimali ma nstabux fl-izjed kundizzjonijiet idoneji u ghalhekk jista′ jkun li l-actus reus jirrizulta izda l-element tal-mens rea huwa mankanti u dan billi sehhew cirkostanzi inevitabbli senjatament mard li gaghluh jittraskura l-istess. Din il-Qorti ma taqbilx ghaliex ghalkemm l-imputat ma setax imur ghal xi gimghat fl-ewwel lok certu kundizzjonijiet ut sic bhall-kamra fejn kienu qeghdin jinzammu l-hniezer ma kinitx adegwata, huwa evidenti li certu kundizzjonijiet ma avverawx ruhhom ghaliex l-imputat illarga ghal ftit gimghat u inoltre′ fit-tieni lok, il-Qorti jidhrilha li bhala l-persuna responsabbli ghall-annimali kellu l-obbligu li jassigura li l-istess annimali kienu se jigu kkurati sew fin-nuqqas tieghu.

Ghalhekk l-imputat Anthony Pace se jinstab hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi t-tielet imputazzjoni fil-konfront ta′ Anthony Pace ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi u dan in vista tal-fatt li kull ma ngabu biex tigi sustanzjata tali imputazzjoni kienu zewg ufficjali tal-pulizija li xehdu b′mod vag dwar l-istess. Ma gewx prezentati ritratti per ezempju li setghu jsahhu l-prova.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva gew ipprezentati vera kopja ta′ sentenza moghtija fid-9 ta′ Lulju 2008[20] fejn l-imputat Anthony Pace gie kkundannat ihallas multa. Biss pero′ ma ngabet l-ebda prova li tali multa thallset. Giet ukoll ipprezentata sentenza ohra moghtija fil-

[19] A fol 40 tal-process
[20] Dok SZ3 a fol 100 tal-process

konfront tal-imputat[21] izda din giet ipprezentata bhala fotokopja u ghalhekk mhux se titqies bhala l-ahjar prova.

Inkwantu ghall-piena li se tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz. In vista li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2010 l-piena se tigi applikata hija dik vigenti fil-perjodu meta twettaq ir-reat u dan billi fis-sena 2014 l-istess ligi giet emendata u l-pieni huma aktar oneruzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputati Edward Pace u Anton Pace hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u minnhom tilliberahom, u wara li rat l-artikoli 8(2) u (3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali issib lil Anthony Pace hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recediva izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2). In vista li l-imputat mhux qieghed jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu qieghed jigi liberat minnha.

Il-Qorti wissiet lil Anthony Pace bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[21] Dok SZ4 a fol 102 tal-process